

Brussell, 7 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12633/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0249 (NLE)**

TRANS 531

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 448 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-emendi tal-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u tar-Regolamenti Annessi tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 448 final.

Mehmuż: COM(2026) 448 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2026
COM(2026) 448 final

2026/0249 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-emendi tal-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u tar-Regolamenti Annessi tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fir-rigward tal-emendi tal-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u tar-Regolamenti Annessi tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Iлма Interni (ADN), applikabbli mill-1 ta' Jannar 2027, b'rabta mat-tmiem tal-perjodu sospensiv previst li matulu l-membri tal-partijiet kontraenti tal-Grupp ta' Hídma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) u tal-Kumitat Amministrattiv tal-ADN jistgħu joġġezzjonaw għall-emendi proposti tal-edizzjoni tal-2027.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Annessi u r-Regolamenti msemmija hawn fuq, magħrufa l-aktar bħala l-Annessi tal-ADR u r-Regolamenti Annessi tal-ADN, jirregolaw it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, rispettivament, bejn il-membri tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li huma wkoll partijiet kontraenti tal-ADR u tal-ADN.

L-iżvilupp tat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, kemm fl-UE kif ukoll bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien, hu komponent ewlieni tal-politika komuni Ewropea tat-trasport, li jiżgura l-funzjonament xieraq tal-fergħat industrijali kollha li jipproduċu jew jużaw l-oġġetti klassifikati bħala perikolużi skont l-ADR u l-ADN. Għaldaqstant, l-adattament ta' dawn il-ftehimiet għall-progress tekniku u xjentifiku hu essenzjali għall-iżvilupp tat-trasport u tal-fergħat industrijali assoċjati. L-emendi għandhom l-għan li jallinjaw l-ADR u l-ADN mar-Regolamenti Mudell tan-NU, li jinkludu definizzjonijiet ġodda, kriterji ta' klassifikazzjoni u numri NU, rekwiżiti tal-ippakkjar/tikkettar, aġġornament tal-istandards applikabbli u tad-dispożizzjonijiet tekniċi, kif ukoll korrezzjonijiet editorjali.

Id-dispożizzjonijiet internazzjonali dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi ġew stabbiliti minn bosta organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-NUKEE, l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) u bosta korpi speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti. Peress li r-regoli jeħtieġ ikunu kompatibbli bejniethom, ġiet żviluppata sistema internazzjonali kumplessa għal koordinazzjoni u armonizzazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet involuti. Id-dispożizzjonijiet ġew adattati fuq perjodi ta' sentejn.

2.1. Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR)

Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) jirregola t-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bit-triq bejn l-Istati Membri tan-NUKEE u pajjiżi oħrajn li japplikaw l-ADR (il-partijiet kontraenti tal-ADR). L-ADR daħal fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 1968.

L-UE mhix parti tal-ADR, iżda l-Istati Membri tagħha kollha huma partijiet kontraenti għalih.

2.2. Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)

Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) jirregola t-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi fuq il-passaġġi tal-ilma interni bejn l-Istati Membri tan-NUKEE li japplikaw l-ADN (il-partijiet kontraenti tal-ADN). L-ADN daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2008.

L-UE mhix parti tal-ADN, iżda 13-il Stat Membru huma partijiet kontraenti għalih.

2.3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) u l-Kumitat Amministrattiv tal-ADN

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) u l-Kumitat Amministrattiv tal-ADN u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-ADN (WP.15/AC.2) huma l-korpi stabbiliti min-NUKEE biex jiddeċiedu dwar l-emendi tal-ADR u tal-ADN. Dawn il-korpi huma komposti mir-rappreżentanti tal-Istati Membri tan-NUKEE li japplikaw l-ADR u l-ADN. Kull parti kontraenti tal-ADR u tal-ADN għandha vot.

Skont il-Kapitolu VII – “Votazzjoni” tat-Termini ta' Referenza u r-Regoli ta' Proċedura tad-WP.15, il-parteċipanti sħaħ biss ikollhom vot fid-WP.15 u d-deċiżjonijiet tiegħu jridu jittieħdu prinċipalment b'konsens. Id-WP.15 jivvota bit-turija tal-idejn.

Skont l-Artikolu 17(7) tal-ADN, kull parti kontraenti rrappreżentata fis-sessjoni tal-Kumitat Amministrattiv tal-ADN għandha vot.

L-emendi adottati tul il-perjodu ta' sentejn 2024-2026 jinkludu sensiela vasta ta' adattamenti għall-progress tekniku u xjentifiku.

Għall-ADR, id-WP.15 ħa d-deċiżjoni tiegħu dwar dawn l-emendi proposti f'kull waħda mis-sessjonijiet imsemmija fit-Taqsima 2.4 hawn taħt. Għall-ADN, il-Kumitat Amministrattiv iddeċieda dwar l-emendi waqt il-35 sessjoni tiegħu f'Ġinevra, fit-30 ta' Jannar 2026.

F'konformità mal-Artikolu 14 tal-ADR, ladarba tiġi deċiża mid-WP.15, kull emenda proposta tal-Annessi tal-ADR trid titqies aċċettata sakemm, fi żmien 3 xhur mid-data taċ-ċirkolazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-inqas terz tal-partijiet kontraenti jew ħamsa minnhom jekk it-terz ikun iżjed minn ħamsa, ma jkunux taw notifika bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali bl-oġġezzjoni tagħhom għall-emenda proposta.

F'konformità mal-Artikolu 20 tal-ADN, ladarba jiġu deċiżi mill-Kumitat Amministrattiv tal-ADN, l-emendi jridu jitqiesu aċċettati sakemm, fi żmien 3 xhur mid-data taċ-ċirkolazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-inqas terz tal-partijiet kontraenti jew ħamsa minnhom jekk it-terz ikun iżjed minn ħamsa, ma jkunux taw notifika bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali bl-oġġezzjoni tagħhom għall-emenda proposta.

L-emendi adottati mid-WP.15 intbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex ikunu jistgħu jiġu notifikati lill-partijiet kontraenti tal-ADR fl-1 ta' Lulju 2026 għall-aċċettazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tal-ADR. Dawn jinsabu wkoll online¹.

L-emendi adottati mill-Kumitat Amministrattiv tal-ADN ġew notifikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-partijiet kontraenti tal-ADN fl-1 ta' Lulju 2026 għall-

¹ [CN.252.2026-Eng.pdf](#)

aċċettazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tal-ADN. Dawn jinsabu wkoll online².

Sat-30 ta' Settembru 2026 għall-ADR u għall-ADN, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fil-kapaċità tiegħu bħala depożitarju, jista' jirċievi oġġezzjonijiet għall-emendi, kif adottati fis-sessjonijiet imsemmija hawn fuq.

2.4. L-atti previsti tad-WP.15 u tal-Kumitat Amministrattiv tal-ADN

L-atti previsti għandhom l-iskop li jiżguraw trasport sikur u sigur ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, billi jaġġornaw ċerti dispożizzjonijiet. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu l-lista ta' oġġetti perikolużi permessi għat-trasport, l-istruzzjonijiet tal-ippakkjar, il-lista tal-istandards applikabbli, u rekwiżiti tekniċi oħra applikabbli għal bosta mezzi ta' konteniment.

Għandu jiġi nnutat li d-dispożizzjonijiet internazzjonali dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi ġew stabbiliti minn bosta organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn jinkludu lill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) u bosta korpi speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti, bħas-Sottokumitat ta' Esperti tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (ECOSOC) dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi. Peress li r-regoli jeħtieġ ikunu kompatibbli, ġiet żviluppata sistema internazzjonali kumplessa għal koordinazzjoni u armonizzazzjoni mill-organizzazzjonijiet involuti. Id-dispożizzjonijiet ġew adattati fuq perjodi ta' sentejn.

Waqt it-tħejjija ta' dawn l-emendi ġew ikkonsultati firxa wiesgħa ta' esperti mis-settur pubbliku u privat. Il-laqgħat tekniċi li ġejjin saru waqt it-tħejjija ta' dawn l-emendi:

- Is-Sottokumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-ECOSOC tan-NU:
 - (1) l-64 sessjoni f'Ġinevra, mill-24 ta' Ġunju sat-3 ta' Lulju 2024;
 - (2) il-65 sessjoni f'Ġinevra, mill-25 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru 2024;
 - (3) is-66 sessjoni f'Ġinevra, mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju 2025;
 - (4) is-67 sessjoni f'Ġinevra, mill-24 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru 2025;
- Il-Laqqgħa Konġunta tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID tan-NUKEE u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi:
 - (5) is-sessjoni tal-ħarifa 2024 f'Ġinevra, mill-10 sat-13 ta' Settembru 2024;
 - (6) is-sessjoni tar-rebbiegħa 2025 f'Bern, mill-24 sat-28 ta' Marzu 2025;
 - (7) is-sessjoni tal-ħarifa 2025 f'Ġinevra, mis-17 sal-25 ta' Settembru 2025;
 - (8) is-sessjoni tar-rebbiegħa 2026 f'Bern, mill-24 sas-27 ta' Marzu 2026
- In-NUKEE-WP.15 (ADR) waqt:
 - (9) il-116-il sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mill-5 sat-8 ta' Novembru 2024;
 - (10) il-117-il sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mis-6 sat-8 ta' Mejju 2025;
 - (11) il-118-il sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mill-4 sas-6 ta' Novembru 2025;
 - (12) il-119-il sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mill-5 sat-8 ta' Mejju 2026;

² [CN.254.2026-Eng.pdf](#)

– In-NUKEE-WP.15/AC.2 (ADN) waqt:

(13) l-44 sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mis-26 sat-30 ta' Awwissu 2024;

(14) il-45 sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mis-27 sal-31 ta' Jannar 2025;

(15) is-46 sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mill-25 sad-29 ta' Awwissu 2025;

(16) is-47 sessjoni tiegħu f'Ġinevra, mis-26 sat-30 ta' Jannar 2026;

u l-Kumitat Amministrattiv tal-ADN waqt il-35 sessjoni tiegħu f'Ġinevra fit-30 ta' Jannar 2026.

Matul dawn il-laqgħat, l-esperti tal-kumitati msemmija hawn fuq analizzaw u pproċessaw il-proposti individwali għall-emendi. Ħafna drabi kien hemm appoġġ unanimu tal-azzjoni rakkomandata. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' ċerti proposti kellhom l-appoġġ tal-maġġoranza tal-esperti.

Sakemm l-emendi proposti tal-Annessi tal-ADR, kif notifikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ma jitqisux rifjutati skont l-Artikolu 14(3) fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika tagħhom, jiġifieri fl-1 ta' Ottubru 2026, l-emendi inkwistjoni se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2027 u jsiru vinkolanti għall-partijiet.

Sakemm l-emendi proposti tar-Regolament Annessi tal-ADN ma jitqisux rifjutati skont l-Artikolu 20(5) fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika tagħhom, jiġifieri fl-1 ta' Ottubru 2026, l-emendi inkwistjoni se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2027 u jsiru vinkolanti għall-partijiet.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UE

Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' dawn l-emendi tal-ADR u tal-ADN, peress li daww se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Dik id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija jew fuq il-passaġġi tal-ilma interni, li f'konformità mal-Artikolu 1 għandhom japplikaw fl-Istati Membri jew bejniethom, billi tirreferi għall-ADR, għall-RID u għall-ADN. L-Artikolu 4 tad-Direttiva jiddikjara li t-trasport ta' oġġetti perikolużi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi għandu jiġi awtorizzat dment li dan ikun konformi mar-rekwiżiti tal-ADR, tal-RID jew tal-ADN, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fl-Annessi. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/68/KE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadatta l-Anness I, it-Taqsima I.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE għall-progress xjentifiku u tekniku, b'mod partikolari biex jitqiesu l-emendi tal-ADR, tal-RID jew tal-ADN.

Skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE, l-UE għalhekk kisbet kompetenza esklużiva fl-oqsma koperti mill-ftehimiet internazzjonali tal-ADR u tal-ADN. Peress li d-Direttiva 2008/68/KE tintegra b'mod espliċitu l-Annessi tal-ADR u r-Regolamenti Annessi tal-ADN fil-liġi tal-UE kemm għat-trasport nazzjonali kif ukoll internazzjonali ta' oġġetti perikolużi, kwalunkwe bidla li ssir fil-livell internazzjonali f'dawk il-ftehimiet tbiddel direttament il-leġiżlazzjoni tal-UE.

L-UE mhix parti kontraenti tal-ADR jew tal-ADN. Madankollu, dan ma jwaqqafhiex milli teżerċita l-kompetenza tagħha billi tistabbilixxi, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, pożizzjoni

³ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.)

li għandha tiġi adottata f'isimha fil-korpi stabbiliti bi kwalunkwe ftehim, b'mod partikolari permezz tal-Istati Membri li huma parti ta' kwalunkwe ftehim li jaġixxi b'mod konġunt fl-interess tagħha⁴.

Bħalissa hemm 55 parti kontraenti tal-ADR, u l-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet kontraenti ta' dan il-Ftehim. Hemm ukoll 18-il parti kontraenti tal-ADN, u 13-il Stat Membru tal-UE huma partijiet kontraenti ta' dan il-Ftehim.

L-emendi previsti jitqiesu xierqa għat-trasport sikur ta' oġġetti perikolużi b'mod kosteffettiv, filwaqt li jitqies il-progress teknoloġiku, u għalhekk jistgħu jiġu appoġġati.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

Id-WP.15 hu korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR).

Il-Kumitat Amministrattiv tal-ADN hu korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN).

L-atti proposti tad-WP.15 u tal-Kumitat Amministrattiv tal-ADN jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali skont l-ADR u l-ADN. Skont il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq, l-atti adottati se jkunu vinkolanti skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tal-ADR u mal-Artikolu 20 tal-ADN, u kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut ta' leġislazzjoni tal-UE, speċifikament id-Direttiva 2008/68/KE. Dan għaliex l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/68/KE jobbliga l-użu ta' dawn ir-regoli għat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni fl-Istati Membri u bejniethom, u għaliex l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/68/KE rigward il-pajjiżi terzi jipprevedi li "t-trasport ta' oġġetti perikolużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandu jiġi awtorizzat kemm-il darba jkun konformi mar-rekwiżiti tal-ADR, tal-RID jew tal-ADN, ħlief jekk ikun indikat mod ieħor fl-Annessi". Barra minn hekk, l-emendi msemmijin hawn fuq se jkollhom inċidenza fuq it-tħaddim tad-Direttiva 2008/68/KE fid-dawl tal-Artikolu 8 tagħha. Skont dik id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadatta l-Anness I, it-Taqsima I.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE għall-progress xjentifiku u tekniku, "partikolarment sabiex jitqiesu l-emendi għall-ADR (...) u għall-ADN".

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehimiet.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91 tat-TFUE.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punt 52.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta għandha tkun l-Artikolu 91 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Għal raġunijiet ta' trasparenza u ta' referenza xierqa, id-deċiżjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) u tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-ADN se jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li jiġi indikat id-dħul fis-seħħ tagħhom.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-emendi tal-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u tar-Regolamenti Annessi tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) daħal fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 1968. Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2008.
- (2) Skont l-Artikolu 14 tal-ADR, kull parti kontraenti tista' tipproponi emenda waħda jew aktar tal-Annessi tal-ADR. Dan ifisser li l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) stabbilit min-NUKEE jista' jadotta emendi tal-Annessi tal-ADR. Skont l-Artikolu 20 tal-ADN, il-Kumitat għas-Sikurezza u l-Kumitat Amministrattiv stabbiliti min-NUKEE jistgħu jadottaw emendi tar-Regolamenti Annessi tal-ADN.
- (3) L-emendi adottati tul il-perjodu ta' sentejn bejn l-2024 u l-2026 mid-WP.15 u mill-Kumitat Amministrattiv tal-ADN dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni ġew notifikati lill-partijiet kontraenti tal-ADR u tal-ADN fl-1 ta' Lulju 2026. Sakemm l-emendi proposti tal-Annessi tal-ADR u tar-Regolamenti Annessi tal-ADN ma jitqisux rifjutati fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika tagħhom, jiġifieri fl-1 ta' Ottubru 2026, l-emendi inkwistjoni se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2027, u jsiru vinkolanti għall-partijiet.
- (4) Jekk jiġu adottati, l-emendi tal-Annessi tal-ADR u tar-Regolamenti Annessi tal-ADN se jipproduċu effetti legali u kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tar-regoli tal-Unjoni.
- (5) Għalhekk jeħtieġ tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-emendi tal-Annessi tal-ADR u tar-Regolamenti Annessi tal-ADN.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni trid tiġi espressa mill-Istati Membri li huma partijiet kontraenti tal-ADR u tal-ADN, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha taqbel mal-abbozzi ta' emendi tal-Annessi A u B tal-ADR, kif imsemmi fin-Notifika tan-NU C.N.252.2026.TREATIES-XI.B.14, fil-Grupp ta' Ħidma tan-NUKEE dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi – WP.15, u mal-abbozzi ta' emendi tar-Regolamenti Annessi tal-ADN, kif imsemmi fin-Notifika tan-NU C.N.254.2026.TREATIES-XI.D.6, fil-Kumitat Amministrattiv tal-ADN.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma partijiet kontraenti tal-ADR u tal-ADN, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Il-bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Id-deċiżjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) u tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-ADN għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li tiġi indikata d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*